MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 302/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Addie Magri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Addie Magri talli fil-25 ta' Frar 2009 u matul it-tliet ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer :

(1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lil persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita`

mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(3) ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex titratta ma’ l-imsemmi Addie Magri bħala wieħed li sar reċidiv b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi todna lill-imsemmi Addie Magri jhallas l-

ispejejz li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Gunju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), il-proviso dwar id-distanza li jinsab taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii), l-artikoli 22(1B) u 29 kollha tal-Kap 101, sabet lill-imsemmi Addie Magri ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet, b’dan pero` li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni, u tal-addebitu tar-reċidiva li jidher bħala l-aħħar imputazzjoni bla numru, waqt li lliberatu mill-gravanti tad-distanza li jidher immarkat bħala imputazzjoni numru 3, u kkundannatu għall-piena ta’ priġunerija ta’ tmintax-il xahar u għall-ħlas ta’ multa ta’ €2300 liema multa tista’ titħallas b’rati ta’ mitt ewro kull erba’ ġimgħat b’dan pero` li l-ewwel pagament għandu jitħallas fi żmien erba’ ġimgħat mid-data tas-sentenza appellata. Jekk ma jitħallasx xi pagament il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tal-affarjiet kollha li għandhom x’jaqsmu mad-droga u li kienu esibiti matul il-proċeduri;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-Avukat Genearli pprezentat fis 6 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet htija fil-konfront ta’ l-appellat rigward l-ewwel, it-tieni u r-raba` imputazzjoni;
2. thassarha u tirrevokaha fejn illiberat lillappellat mit-tielet imputazzjoni u minflok issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-Avukat Dottor Philip Galea Farrugia ghall-Avukat Generali u l-Avukat Dottor Jose` Herrera ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali ghandu aggravju uniku, u cioe` li l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat mill-aggravanti li r-reat gie kommess f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' xi post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh. L-appellant jghid li l-Perit Alexei Pace, li gie nominat mill-Qorti, ikkonstata li r-reat gie kommess entro d-distanza ta' mitt metru mill-Ta' Giorni Bar u parti mill-fond "Palms". L-appellant jghid li l-kwistjoni kollha hi jekk Ta' Giorni Bar ghandux ikun ikkunsidrat bhala post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh jew le. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qieset li dan il-post mhuwiex post fejn jiltaqghu z-zghazagh. Skond l-appellant, "ghalkemm 'bar' huwa post li generalment huwa ffrekwentat minn diversi nies ta' kull eta`, ma jistax jigi kkontestat jew eskluz li 'bar' huwa wkoll post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh. Il-*proviso* li hemm fl-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 bl-ebda mod ma jsemmi li l-post ghandu jkun immirat ghaz-zghazagh izda post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh. L-appellant isostni li ma hemm l-ebda dubju li Ta' Giorni Bar huwa post fejn jiltaqghu z-zghazagh ukoll ghax bhala bar huwa post li fin-natura tieghu jattira u jigi ffrekwentat miz-zghazagh. "Bl-istess argument li ghamlet l-Ewwel Qorti", ikompli jghid l-appellant, "nistghu nghidu allura li 'bar' f'Paceville mhux ikkunsidrat bhala post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, haga li fl-umli fehma ta' l-esponent ma taghmilx sens ghax kollha nafu u huwa pjuttost ovvju li bar f'Paceville huwa ffrekwentat min ghexieren ta' zghazagh kuljum."

Evidentement, mela, l-ilment ta' l-Avukat Generali jirrigwarda biss it-Ta' Giorni Bar. Issa, minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat mill-aggravanti tad-distanza ghax "ma ngiebet ebda prova jekk il-postijiet li jinsabu fic-cirku humiex postijiet frekwentati miz-zghazagh". Il-ligi, meta tohloq l-aggravanti in ezami fil-*proviso* ghall-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tghid: *"fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew centru taz-zghazagh,*

*jew* ***xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh**.”* It-Ta’ Giorni Bar ma jinsabx f’Paceville li huwa maghruf komunement bhala centru ghaz-zghazagh. Ghalhekk mhuwiex sufficjenti ghall-finijiet ta’ provi li l-prosekuzzjoni tindika l-ezistenza ta’ dan il-bar entru l-perimetru ta’ mitt metru, izda trid ukoll iggib xi prova li l-imsemmi bar huwa wkoll post fejn “normalment” jiltaqghu z-zghazagh. Hawn diversi bars imxerrdin ma’ Malta fejn jiltaqghu persuni ta’ eta` aktar avvanzata u li ma jservux bhala post ta’ inkontru ghaz-zghazagh. Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar it-Ta’ Giorni Bar u konsegwentement l-appell ta’ l-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------